**Minuti tat-Tieni (02) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad/Wardija li saret nhar l-Erbgħa 11 t' Awissu 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar fis-6.00 ta' filgħaxija.**

Il-laqgħa bdiet fis-6.08 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 6.08 p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea ma attendietx il-Laqgħa għax kienet imsiefra, u l-Viċi Sindku, is-Sur John Bray ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għall-laqgħa.

## 1.0 Qari tal-Minuti tal-Ewwel (01) Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija u ġew unanimament approvati wara li saru tlett korrezjonijiet kif jidher hawn taħt:

(a) Saret korrezjoni f'*item* 1.01: Il-kelma **"voti"** wara l-kliem **"tal-partit li jkun ġab maġġoranza ta' "** tinbidel mall-kliem **"membri eletti".**

(b) Saret korrezjoni f'*item* 4.04 l-ewwel paragrafu: il-kliem **"Triq il-Mghasar"** jinbidlu ma' **"Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni".**

(c) Saret korrezjoni f'*item* 5.04 it-tieni paragrafu: wara l-kliem **"Traffic Lights"** jiżdiedu l-kliem **"ta' fejn Scotts Super Market".**

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 4.03 – Memo 94,** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li huwa kien issuġġerixxa li ssir (1) bankina fi Triq il-Witja kantuniera ma Trejqet l'Imdawra, (2) soft-area, bankina, *notice-board*, dwal u jizdiedu aktar Bins, fiż-żona ta' l-Iskola tal-Wardija, (3) jinxtara equipment tal-Gym ghall-Playigfield u (4) jinxtraw xi bankijiet biex jitqieghdu hdejn is-sit storiku ta' San Pawl Milqi.

2.02 **Dwar Item 4.04 – Memo 73,** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li kienet ġiet sottomessa l-applikażjoni. Kif kien ġie mitlub, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopji ta' lista ta' regolamenti dwar klieb kif jinstabu fl-avviż legali 242/2000 Art.5 para 1.

2.03 **Dwar Item 4.05 – Memo 95,** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li jekk ma jidħlux proposti mill-membri tal-Kumitat, huwa kien ser jagħmel l-applikazjoni u wara jirraporta lill-Kumitat bil-kontenut ta' l-applikazjoni.

2.04 **Dwar Item 5.01** – Is-Segretarju Ezekuttiv kien irrefera lis-Sur James Catania tad-Dipartiment tal-Kunsilli jekk il-Membri tal-Kumitati Amministrattivi jistax jingħatalhom *e-mail address* tal-gvern. Is-Sur Catania għandu jagħti risposta aktar il-quddiem.

2.05 **Dwar Item 5.02** – Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser isiru stickers li jitwaħħlu mall-Bins u Skips fil-lokalita kollha ta' San Pawl il-Bahar.

2.06 **Dwar Item 5.03** – Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li kienet ġiet ippreżentata *quotation*. Kien imiss li jiġi nfurmat il-Kunsill, ssir stima sabiex jitwassal is-supply ta' l-elettriku, naraw x'permessi huma meħtieġa, u ssir applikazjoni lill-EneMalta. Ġie ssuġġerit li tiġi inkluża wkoll sleeping-policeman fl-applikazjoni lil Transport Malta.

2.07 **Dwar Item 5.04 – Coast Road,** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li xtaq jiċċara li dak li ntqal fil-*media* ma' kienx ċar u ma kienx jirrifletti dak li ntqal fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.
Is-Sur Peter Abela qal li huwa kien qed joġġezzjona għall-kliem li ntqal fil-*media* għax huwa qatt ma qabel f'kollox mas-Sur Carmel Hili u għallhekk kien qed jitlob lic-Chairperson jistaqsi lis-Sur Carmel Hili jgħid u jiċċara fejn intqal dan il-kliem li huwa (Peter Abela) kien jaqbel f'kollox mas-Sur Carmel Hili.
Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li dik it-triq mhix fil-konfini ta'Burmarrad.
Is-Sur Carmel Hili qal li ma kellux kjarifiki x'jagħmel għax huwa kien sema dak il-kliem jingħad.
Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li din kienet materja sensittiva u wieħed għandu joqgħod attent kif jitkellem fill-publiku u fuq il-*media.*
Is-Sur Carmel Hili qal li huwa ma' kienx ser jirtira xejn min dak li qal.
Is-Sur Peter Abela qal li ma' kienet intalbet l'ebda korrezzjoni tal-minuti biex jitnizzel li huwa (Peter Abela) kien qabel mas-Sur Carmel Hili u dan kien prova li dan il-kliem ma kienx intqal.
Is-Sur Carmel Hili qal li ghandna nipproponu biex tigi rrangat t-Triq ta' l-Imdawwra u t-traffiku jibda jghaddi minn hemm.
Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li jekk il-proposta tas-Sur Carmel Hili b'xi mod tkun qed tiddevja l-karozzi mit-triq tal-Kosta għal ġo Burmarrad, din għandha tiġi opponuta mill-Kumitat.
Tressqet mozzjoni mic-Chairperson, Is-Sur Ray Bartolo u ssekondata mis-Sur Peter Abela li l-Kumitat jaqbel li ma għandha ssir l'ebda *diversion* in konnessjoni ma Triq il-Kosta li biha jiżdied it-traffiku għal ġo Burmarrad.
Il-mozzjoni għaddiet b'votazzjoni ta' 3 favur (Ray Bartolo, Peter Abela u Simone Aquilina) u 2 jastjenu (Carmel Hili u Joseph Mario Hili). Ġie deċiż li l-MEPA tiġi infurmata b'din id-deċiżjoni.

2.08 **Dwar Item 5.05 –** Ġie deċiż li l-Kunsill Lokali jintalab jinforma lir-residenti kollha ta' Burmarrad u l-Wardija bl-iskeda ta' meta jinghataw is-servizzi f'dawn iż-żoni u li jiġi żgurat li l-kuntrattur tal-knis jagħmel ix-xogħol b'mod regolari.

2.09 **Dwar Item 5.06 –** Il-Kumitat ġie infurmat li n-*Notice Boards* ser jsiru flimkien ma' dawk tal-lokalita kollha ta' San Pawl il-Baħar li għalihom kienu ser jintalbu *quotations*. Ġie deċiz li n-*Notice Board* tal-Wardija għandha issir mall-ħajt tal-Iskola.

2.10 **Dwar Item 5.07 –** Din il-materja għandha tiġi diskussa mis-Sotto Kumitat tat-Traffiku meta dan jiltaqa.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Is-Sinjura Romina Perici Ferrante, l-Accountant tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, ġiet mistiedna tindirizza il-Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv sabiex tispjega l-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad u kif ser isir ir-rendikontar tal-finanzi.
Is-Sinjura Ferrante qassmet dokumenti kif ippreparati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li juru l-allokazjoni finanzjarja lill-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad. Hija spjegat li l-fondi huma *ring-fenced* u għalhekk dawn għandhom jintefqu biss fuq dawk ix-xogħolijiet li għalihom ġew allokati mid-Dipartiment. Is-somma allokata lill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għas sitt xhur mill-1 ta' Lulju 2010 sa l-aħħar ta' Diċembru, 2010 huwa ta' 38,482 Euros. Hija spjegat li jekk fl-aħħar tas-sena jibqa xi fondi li ma jkunux intefqu, dawn jitpoġġew f'kont apposta f'isem il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

**4.00 Xogħolijiet u Attivitajiet f'Burmarrad li diġa nbdew mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

4.01 Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo elenka inizjattivi, xogħolijiet u attivitajiet li dwarhom kienet diġa ittieħdet deċiżjoni mill-Kunsill Lokali qabel ma' daħal fis-seħħ il-Kumitat Amministrattiv. Dawn huma:

(1) Sistema ġdida ta dawl u pompa fil-funtana ta' Burmarrad. Il-fond tal-funtana ser jitbaxxa wkoll.
(2) *Welcome Boards*.
(3) *Upgrading* tal-*Playing Field* f'Burmarrad.
(4) L-attivita ta' Festa Bdiewa f'Burmarrad - Ottubru 2010.
(5) Applikazjoni għall dwal b'sistema solari fil-*playing field*.
(6) Applikazjoni għall-*Bus Stop Shelter* u *Traffic Island*.
(7) Applikazjoni għall-*Pellican Lights* ħdejn il-muzew tal-bniet.

(8) Touristic Map (saret applikazjoni f'*Measure* 313 tal-MRRA u ninsabu fuq ir-*reserve list*).
(9) Stejjem fuq Open sites.
(10) Applikazjoni f'Measure 323 tal-MRRA għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ li izda ġiet miċħuda.
(11) *Upgrading* tar-*Roundabout* tal-Magħsar għandha terġa tiġi studjata mill-Kunsill Lokali.

**5.00 Ħwejjeġ Oħra.**

5.01 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet li niktbu lill-Green Mt sabiex issir *Bring-In-Site* fil-Wardija u pprezentat pjanta fejn din għandha ssir.
Hija tablet li tiġi segwita l-applikazjoni għall-linji sofor fil-Wardija. Hija ntalbet tipprepara pjanta ta' fejn dawn il-linji huma rikjesti.

5.02 Is-Sur Peter Abela talab li bħala l-membru responsabbli, huwa jagħmel laqgħa mal-bdiewa sabiex jiddiskuti diversi suġġetti.
Huwa talab li ssir grada fuq culvert mikxuf f'tas-Safsafa. Dan irid ukoll jitfannad wara li jiġi kkonsultat il-perit tal-Kunsill. Għandu wkoll isir barrier fuq il-pont tat-triq.

5.03 Il-Membru Carmel Hili talab li tintbgħat il-lista ta' metraġġ tat-toroq li ser jsiru taħt l-ewwel parti ta' l-iskema tal-PPP.
Huwa staqsa wkoll jekk kienx hemm il-ħsieb li jsir xi ġemellaġġ bejn Burmarrad u xi lokalitajiet oħra barranin.

5.04 Il-Membru Joseph M. Hili staqsa jekk waqt li qed isir xogħol fuq il-funtana ta' Burmarrad jistax ukoll isiru bankijiet bix-*shades* fuqhom.Huwa nforma lill-Kumitat li kien attenda għall-kors tal-MEUSAC dwar akkwist ta' fondi mill-Ewropa izda għalkemm kienu ħafna l-programmi u l-fondi allokati, ma kienx daqs tant facli li wieħed jakkwistahom minħabba n-numru sostanzjali ta' applikazzjonijiet u l-kompetizzjoni ħarxa bejn l-applikanti għal dawn il-fondi. Fost il-fatturi importanti li fuqha tittieħed id-deċiżjoni definitiva hemm il-preparazzjoni ta' l-applikant biex iwettaq il-proġett fiż-żmien stipulat minnu.

Huwa talab li jsiru xi tip ta' *barriers* ħdejn il-funtana ta' Burmarrad sabiex ma' jkunx hemm periklu li tfal jaqsmu għal ġot-traffiku. Ġie deċiż li din il-proposta tiġi diskussa mis-Sotto-Kumitat tat-Traffiku.

5.05 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li għandu proposta sabiex tiġi diskussa mis-Sotto Kumitat ta' l-*Street Furniture* sabiex isiru boards bi ħlas għall-gruppi ta' riklami kummerċjali.
Huwa qal li ghaddej b'diskussjonijiet ma' Heritage Malta biex tigi analizzata l-possibilita' li jsir proġett bi sħab mall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad biex jigi skavat u eventwalment miftuh is-sit arkeoloġiku ta' San Pawl Milqi.
Talab li jiġi ikkonsultat is-Sur James Catania tad-Dipartiment tal-Kunsilli dwar il-possibilita li jkun hemm *mobile phone* f'isem il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad li jkun għad-dispożizjoni tal-Kumitat erba u għoxrin siegħa kuljum. Il-Kumitat qabel ma' din it-talba.

**6.00 Gheluq**.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairperson

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.